

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' April 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-17/11)

(2011/C 186/60)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: A. Blot, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li ma ġġeddidx il-kuntratt ta' membru tal-persunal bil-kuntratt tar-rikorrenti.

### Talbiet tar-rikorrenti

- prinċipalment, jannulla d-deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt tagħha ta' membru tal-persunal bil-kuntratt, kif tirriżulta impliċitament min-nota tat-28 ta' April 2010 u, sa fejn ikun neċessarju, id-deċiżjoni tal-ARKK li tiċħad l-ilment;
- konsegwentement, jirreintegra lir-rikorrenti fil-funzjonijiet tagħha;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' somma ffissata provviżorjament għal EUR 27 000 bi ħlas għad-dannu materjali, flimkien mal-interessi moratorji bir-rata legali sa mid-data tas-sentenza li għandha tingħata;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' somma ffissata provviżorjament u *ex aequo et bono* għal EUR 15 000 (ħmistax-il elf euro), bi ħlas għad-dannu morali, flimkien mal-interessi moratorji bir-rata legali sa mid-data tas-sentenza li għandha tingħata;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' April 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-27/11)

(2011/C 186/61)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: L. Levi, M. Vandenbussche u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett

L-annullament tad-deċiżjonijiet tal-konvenuta li jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni għall-benefiċċji mediċi mitluba mir-rikorrent għal ibnu, għal martu u għalih innifsu.

### Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati u, sa fejn hu meħtieġ, id-deċiżjoni tal-awtorità awtorizzata tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ li tirrifjuta t-talba
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Marzu 2011 — ZZ vs CEDEFOP**

(Kawża F-31/11)

(2011/C 186/62)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

Konvenuta: Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP)

### Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tad-Direttur tas-CEDEFOP li ttejjem l-impjeg tar-rikorrent u talba għall-kumpens tad-dannu materjali u morali subit.

### Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-14 ta' April 2010 tad-Direttur tas-CEDEFOP li ttejjem l-impjeg tar-rikorrent;
- jikkundanna lis-CEDEFOP tħallaslu, b'kumpens għad-dannu materjali subit minnu fin-nuqqas ta' reintegrazzjoni jew sakemm issir din ir-reintegrazzjoni eventwali, id-differenza bejn ir-remunerazzjoni u l-pensjoni li minnha huwa kien jibbenefika li kieku baqa' fil-pożizzjoni tiegħu wara l-15 ta' Novembru 2010, minn naħa, u, min-naħa l-oħra, ir-remunerazzjoni eventwali jew il-benefiċċji tal-qagħad u l-pensjoni li minnha kien jibbenefika wara din id-data;